**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 49/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**-Vs-**

**BRIAN DIMECH**

**Illum, 24 ta' Ġunju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi **BRIAN DIMECH** detentur tal-karta ta' l-identita 190082(M), tressaq quddiemha akkuzat talli fis-7 ta' Novembru 2020 għal ħabta ta 7pm u nhar it-2 ta' Jannar għal ħabta ta' 7.15pm ġewwa il-Gżira b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżolużżjoni waħda.

1. Ikkaġuna li leks sieħba tiegħu u ċioe' **Rebecca Louise Udell Park** li tiġi wkoll om mit-tfal tiegħu bl-ismijiet **Kazley-Dean Udell, Mason-Blake, Whitney-Kristina**, fastidju metaġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-preżenza ta' l-imsemmija minuri.

2. Ikkaġuna lil eks sieħba tiegħu u cioe' **Rebecca Louise Udell Park** li tiġi wkoll om mit-tfal tiegħu bl-ismijiet **Kazley-Dean Udell, Mason-Blake, Whitney-Kristina,** biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha, fil-preżenza ta' l-imsemmija minuri.

3. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal anqas minn €2,500 għad-dannu ta' **Rebecca Louise Udell Park.**

4. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali.

5. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil **Rebecca Louise Udell Park.**

6. Għamel inġurji jew thedid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil **Rebecca Louise Udell Park.**

Il-Qorti giet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Brian Dimech a beneficċju ta' **Rebecca Louise Udell Park** u 'l familjari tagħha.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' **Rebecca Louise Udell Park** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għare-reat, torbot lil **Brian Dimech** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mil-Qorti għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri.

Rat illi l-kunsens moghti mill-Avukat Generali ghall-finijiet tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja[1];

Rat illi l-imputat waqt l-ezami, filwaqt li ddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja, wiegeb li mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Rat il-provi kollha mressqin mill-Prosekuzzjoni;

Semghet ix-xhieda kollha;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza waqt is-seduta tal-16 ta' Gunju 2021;

Rat illi l-kawza kienet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan huwa kaz ta' vjolenza domestika kif definita fl-Att dwar il-Vjolenza Domestika u r-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, jikkoncernaw zewg incidenti li gew rapportati lill-Pulizija minn Rebecca Louise Udell Park - wiehed li sehh fis-7 ta' Novembru 2020 u l-iehor fit-2 ta' Jannar 2021. Jirrizulta li l-imputat kellu relazzjoni ta' hdax-il sena mal-imsemmija Rebecca Louise Park, liema relazzjoni ntemmet f'Marzu 2020, u flimkien ghandhom diversi ulied in komun. Mill-atti l-Qorti fehmet illi fiz-zmien meta sehhew l-incidenti rapportati minn Rebecca Louise Park, iz-zewg partijiet kienu jinsabu f'relazzjonijiet ma' persuni ohrajn u l-incident l-iktar recenti sehh fil-presenza tas-sieheb attwali ta' Rebecca Louise Park, certu Stephen Borg kif ukoll fil-prezenza tat-tliet uliedha minuri.

Ikkunsdrat ;

[1] Fol. 36.

L-imputat jinsab mixli bir-reati taht l-Artikolu 251A tal-Kap. 9 u bir-reat taht l-Artiklu 251B tal-Kap. 9 u dan permezz tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, rispettivament.

L-Artikolu 251A jipprovdi, fil-parti relevanti tieghu li persuna tkun hatja tar-reat ta' fastidju jekk:-

"(*a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra;  jew*
*(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; ..."*
*(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra."*

Imbaghad, l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 jipprovdi li:-

*(1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet.*

*(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni."*

Dwar l-element kostituttiv tar-reati kemm taht l-Artikolu 251A kif ukoll taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, huwa pacifiku fl-insenjament gurisprudenzjali in materja illi jehtieg li jintwera li "*l-imgieba*" tal-agent tar-reat tammonta ghal *a course of conduct.*  Dan hu

dezumibbli mill-uzu specifiku tal-kelma "*imgieba*" fiz-zewg dispozizzjonijiet legali kif ukoll, kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 251B mill-kliem tal-ligi: "… *lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażżjonijiet*". Barra minn hekk, kwantu ghar-reat ta' fastidju taht l-Artikolu 251A, jinghad li l-element tal-kondotta ripetuta huwa inerenti fit-tifsira nnifisha tal-kelma fastidju. In propositu, intqal hekk f'**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.):-

"*Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and '**it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct**' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be properly particularised in the information laid or the indictment (C v CPS [2008] EWHC 148 (Admin)) and must be so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS ). The fewer and further apart the incidents, the less likely it is that they will be so regarded, but circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct' (Lau v DPP [2000] Crim LR 580).*"[2]

Fir-rigward ta' dawn iz-zewg reati partikolari, issir ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada**[3] fejn gie ritenut:-

"*Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat.*

[2] Blackstone's Criminal Practice 2012 Ed. - B2.140 p.285. Emfasi tal-Qorti.

[3] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciz 2.05.2013.

*Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs James Demanuele*** *deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*

*"... Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing distress") lill-persuna. Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "**Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose**", dan l-element ta' **ripetizzjoni jew persistenza** ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**" [21.6.07] :-*

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' **tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien**." Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha." Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."*[4]

[4] Emfasi tal-Qorti.

Il-Qorti sejra tapplika dan l-insenjament ghall-fatti tal-kaz in dizamina kif johorgu mill-provi, biex tistabbilixxi jekk fl-ewwel lok, giex ippruvat imgieba da parti tal-imputat li jsarraf f'fastidju kif prospettat fl-Artikolu 251A u 251C tal-Kap. 9.

Jibda biex jinghad illi l-imputat ma ressaq l-ebda provi f'dawn il-proceduri u anke minn dak minnu mistqarr waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija, ma jirrizultax illi huwa kien agixxa ghal xi wiehed mill-iskopijiet indikati fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 251A cioe` li l-imġieba tieghu kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġiba kienet waħda raġonevoli.

Rebecca Louise Park xehdet dwar incident li sehh f'Novembru 2020 u ddeskriviet li l-imputat, fost hafna ghajjat u storbju, kien gie barra r-residenza taghha, sgassa l-bieb tal-komun tal-blokk, fetah il-letterbox u hareg il-posta, ghaffeg il-karti kollha u telaq.

Hawnhekk il-Qorti tirravviza fl-agir tal-imputat, azzjoni li kienet iddizinjata biex taghti qatgha, tohloq certu grad ta' biza u biex, evidentement, iddejjaq lil Rebecca Louise Park. Ma hemm ebda hjiel ta' prova illi f'din l-okkazzjoni l-imputat agixxa ghal xi skop legittimu jew b'mod ragjonevoli u fl-istqarrija li rilaxxa lill-Pulizija, huwa effettivament innega li dan l-incident sehh.

Ghalkemm hu minnu li Rebecca Louise Park xehdet dwar episodji ohrajn li sehhew sussegwentement, fejn qalet li l-imputat kien jistenna fil-karozza taht il-gallarija taghha u li kienet irrapportat dan f'Dicembru 2020[5], kif ukoll dwar messaggi ta' theddid u dwar eposidju fejn l-imputat kissrilha t-telefon cellulari[6], il-Qorti tosserva li l-parametri

[5] Ara rapport tal-okkorrenza Ref. No. NPS GHQ/GBDV/210/2020, fol. 15 *et seq.* tal-atti.
[6] Ix-xhud qalet li ghamlet rapport dwar dan f'Ottubru. Fl-atti gie esebit ukoll rapport tal-okkorrenza Ref. No NPS GHQ/GBDV/56/2021 dwar incident li sehh fil-11 ta' Jannar 2021. Madanakollu, dawn l-episodji ma jinkwadrawx fit-termini ta' zmien indikati fic-Citazzjoni li, kif diga` nghad, jirreferu ghal reati li sehhew fis-7 ta' Novembru 2021 u fit-2 ta' Jannar 2021 biss.

temporali tar-reati li qed jigi mixli bihom l-imputat, kif indikat fic-Citazzjoni, huma ristretti ghal zewg dati, is-7 ta' Novembru 2020 ghall-habta tas-7 pm u it-2 ta' Jannar 2021 ghall-habta tas-7.15 pm. Dan ifisser illi l-provi li l-Qorti tista' tiehu in konsiderazzjoni ghall-fini tas-sejbien ta' htija ghar-reati addebitati lill-imputat, huma dawk li jikkoncernaw fatti li sehhew fl-incidenti li jikkorrispondu ma' dawk indikati fic-citazzjoni u xejn iktar. Ghaldaqstant, il-Qorti mhux sejra tqis dawn l-episodji ulterjuri li jirrizultaw mill-atti fil-gabra tal-provi dwar l-ezistenza o meno ta' kondotta da parti tal-imputat li hi mehtieg ghall-fini li tinsab htija ghar-reati taht l-Artikolu 251A u 251B tal-Kap. 9.

Rebecca Louise Park xehdet ukoll dwar episodju iehor li sehh f'xi zmien f'Dicembru 2020, izda bl-amment ma tiftakarx id-data ("*m'iniex tajba ghall-dati*") fejn hija kienet fir-residenza taghha gewwa l-Gzira flimkien mas-sieheb taghha u t-tfal, meta semghet hoss qawwi gej minn isfel, semghet ukoll id-dagha u f'salt jigi sgassat il-bieb tal-appartament taghha u jidhol gewwa l-imputat. Qalet li huwa beda jghajjat li gie minhabba t-tfal, biex jara lit-tfal, ipprova jaqbadha izda s-sieheb taghha beda jzommu lura u f'daqqa u l-hin ikkalma u telaq.

Issa skont il-Blackstone[7]:-

*"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment;* ***it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability****. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord*

[7] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed, B.2.140, p. 285.

*Nicholls at [30]. **Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.***

*However, 'whatever may have been the purpose behind [the Act], its words are clear, and it can cover harassment of any sort'".* [emfasi tal-Qorti]

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Falzon**[8], il-Qorti tal-Appell Kriminali fissret illi:-

"*... hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. ... Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.*"

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis li ghandha qabel xejn tindirizza d-diskrepanza bejn id-data tal-incident li, kif indikat fic-Citazzjoni, sehh fit-2 ta' Jannar 2021, u x-xhieda ta' Rebecca Louise Park fejn sostniet li l-incident li hija kienet rapportat li sehh fit-2 ta' Jannar 2021, sehh f'Dicembru 2020.

Hu minnu li Rebecca Park, fix-xhieda taghha insistiet li dan l-incident kien gara f'Dicembru 2020, izda hu ovvju mir-rapport tal-okkorrenza u mix-xhieda tal-Ispettur Eman Hayman li l-istess incident li xehdet dwaru sehh fit-2 ta' Jannar 2021, liema data jirrizulta wkoll fuq il-filmati u r-ritratti tal-incident li Rebecca Park ghaddiet lill-Pulizija

[8] Deciza fit-28 ta' Novembru 2018.

(ara CD Dok. EH1). Il-Qorti wara li rat l-atti u x-xhieda, hija tal-fehma li dak li xehdet Rebecca Park – li, *ex admissis* «*mhijiex tajba fid-dati* » - dwar id-data tal-incident, mhuwiex bizzejjed biex isawwar xi dubju f'mohhha illi l-incident li ddeskriviet fix-xhieda taghha, effettivament sehh fit-2 ta' Jannar 2021 kif rapportat minnha u kif jirrizulta mill-atti u l-provi l-ohra prodotti mill-Prosekuzzjoni, inkluz l-istqarrija tal-imputat li jammetti li dan l-episodju partikolari gara fit-2 ta' Jannar 2021. Ghalkemm tassew id-data tat-2 ta' Jannar 2021 mhijiex l-istess bhal Dicembru 2020, l-anqas ma hemm dubju li l-imputat jaf sew għall-liema inċident ix-xhud kienet qed tirreferi u li dan huwa l-istess bhal dak indikat fic-Citazzjoni[9]. F'kull kaz, il-Qorti rat li m'hemmx diskrepanzi bejn il-provi tal-Prosekuzzjoni u dak indikat fic-Citazzjoni li jistghu b'xi mod jippreġudikaw il-posizzjoni tal-imputat milli jkun jista' jiddefendi ruħu.

Fis-sentenza taghha tal-15 ta' ottubru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emmanuele Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

"*Kienet tkun storja differenti kieku ma kienx hemm biss variance, iżda differenzi jew diskrepanzi kbar jew sostanzjali bejn il-partikolaritajiet imsemmija fl-avviż u dak riżultanti mill-provi. Variance tfisser li jkun hemm xi differenzi bejn l-allegazzjoni u l-evidenza u mhux differenzi tant kbar li jistgħu joħolqu jew iwaslu għal reat jew reati differenti jew għal nuqqas ta' reat. Għalhekk jekk l-iżball jew varjanza fiċ-ċitazzjoni tkun tant kbira bejn il-fatti imputati u dawk riżultanti li jirrendu l-azzjoni inċerta, mhux ċara, jekk mhux ukoll kontradittorja, dwar jekk ir-reat ikunx seħħ, fejn ir-reat ikun seħħ jew jekk kienx l-imputat li wettaq ir-reat mill-lok jew ċirkostanzi msemmija fil-provi, allura ma jkunx jista' jingħad li kien hemm sempliċi varjanza fis-sens tal-ġurisprudenza ċitata aktar il-fuq u l-azzjoni ma tkunx tista' titmexxa għax il-parametri tal-azzjoni jkunu inbidlu radikalment – ħaġa li bl-iżvilupp tal-proċedura penali u tad-drittijiet tal-bniedem ma jistax jiġi ritenut aċċettabbli fis-sistema legali Malti tal-lum.*"

[9] Ara in propositu, Il-Pulizija v. Joseph Zammit deciza mil-Qorti tal-Appell Kriminali, 13 ta' Jannar 2016.

F'dan il-każ izda, il-varjazzjoni fiz-zmien meta gara l-incident hija żgħira u suffragata mill-gabra tal-provi kollha rizultanti fl-atti kif ukoll konfermata mil-imputat fl-istqarrija tieghu nnifsu.

Il-Qorti tqis illi sabiex persuna tiġi misjuba ħatja, il-liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-liġi tal-proċedura domestika, li hija fondata fuq u provenjenti mis-sistema guridika Ingliża, tehtieg li qorti ta' kompetenza kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni abbażi għall-provi imressqa minnha, b'dan illi f'kaz li d-difiża tipprova t-tezi tagħha fuq bażi ta' probabbilita`, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha tnissel dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Kif ritenut fir-rigward[10]:-

"*U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.*"

Il-Qorti kif inghad ma ghandha l-ebda dubju wara li semghet lil Rebecca Louise Park tixhed u wara li rat l-istqarrija tal-imputat fl-okkorrenza dwar ir-rapport li ghamlet l-istess xhud, kif ukoll ix-xhieda tal-Ispettur Eman Hayman, illi l-incident li ddeskriviet l-imsemmija xhud fid-depozizzjoni taghha tal-1 ta' Marzu 2021, gara fit-2 ta' Jannar 2021 kif rapportat.

[10] **Il-Pulizija v. Gilmore Buttigieg**, Qorti tal-Appell Kriminali, 20 ta' Ottubru 2020.

Ikkunsidrat;

Illi dan stabbilit, il-Qorti, mill-istqarrija li ghamel l-imputat meta gie mitkellem mill-Pulizija fit-3 ta' Jannar 2021[11], kif ukoll mill-gabra tal-provi fl-atti[12], fehmet illi huwa kien ghaddej minn perijodu difficli minhabba l-problemi li kien qed jirriskontra fl-ezercizzju tal-access tieghu ghat-tliet uliedu minuri li jghixu ma' ommhom u li l-incident tat-2 ta' Jannar 2021 kien xprunat direttament mill-frustrazzjoni li kien qed ihoss minhabba nuqqas sistematiku ta' komunikazzjoni u kuntatt ma' uliedu specjalment waqt il-festi tal-Milied meta lanqas biss seta' jaghtihom ir-rigali tal-Milied ghaliex ommhom kienet iccahhdu milli jkellem lit-tfal. Din il-frustrazzjoni u sitwazzjoni ta' dwejjaq li evidentement kien ghaddej minnha l-imputat, jidher li lahqet il-qofol taghha meta l-imputat iltaqa' ma' ibnu li melielu rasu ghaliex ma kienx xtara rigal tal-Milied ghal hutu z-zghar u sussegwentement, fl-istess gurnata ibnu Kazley qallu wkoll li r-raguni ghalfejn mhux qieghed ikellmu hija minhabba ommu. Hu evidenti dan l-episodju partikolari sarraf f'rejazzjoni fl-imputat li wasslitu biex jiddeciedi li biex jikseb access ghal uliedu, kellu jerga' jidhol bil-forza fir-residenza ta' Rebecca Louise Park u dan billi din id-darba effettivament kisser il-bieb tal-appartament taghha.

Madanakollu, ghalkemm soggettivament l-agir tal-imputat seta' kien xprunat minn akkumulazzjoni ta' frustrazzjoni u dwejjaq, jibqa' l-fatt li mil-lat oggettiv, l-agir tieghu kien wiehed illegali u vessatorju li inevitabbilment wassal biex jaghmel pressjoni ingusta fuq Rebecca Louise Park, *multo magis* meta inqas minn xaharejn qabel huwa kien diga` dahal bil-forza fil-komun tal-blokka, fetah il-letterbox taghha u ghaffeg il-posta. F'kull kaz, dan kien agir li l-imputat kien jaf jew kellu ragjonevolment ikun jaf li jkun ta' fastidju ghal omm uliedu: l-elementi ta' allarm u dwejjaq hu evidenti wkoll mill-filmat ta' ftit sekondi li gie esebit fl-atti, fejn l-imputat jinstema' jghajjat u jagixxi

[11] Ara fol. 9 u 10 tal-atti – rapport tal-okkorrenza Ref. No. NPS GHQ/GBDV/10/2021.
[12] Ara senjatament ix-xhieda tal-Ispettur Eman Hayman tal-1 ta' Marzu 2021, fol. 54 *"kien fi stat imbikkem u mdejjaq"*.

b'mod aggressiv wara li sgassa l-bieb u dahal fl-appartament ta' Rebecca Louise Park u jinstema' wkoll xi twerziq.

Ghalkemm ghandu jinghad li tassew mhux kull xorta ta' komportament illecitu jsarraf f'fastidju, fil-kaz in dizamina l-Qorti hi sodisfatta li l-kondotta tal-imputat, komposta wkoll mill-kondotta tieghu fl-episodju li sehh ftit inqas minn xaharejn qabel fejn ukoll dahal bil-forza fir-residenza ta' omm uliedu, kienet wahda oppressiva kkalkolata specifikatament biex tiddejjaq u timmolestja lil omm uliedu minhabba l-fehma tieghu li hija kienet qieghda ccahhdu milli jikkomunika ma' u jara lil uliedu. **Dawn m'humiex incidenti izolati jew accidentali: kemm hu hekk, iz-zewg episodji li gew indikati fic-Citazzjoni u li jirrizultaw mill-provi, sehhew f'perijodu ta' inqas minn xaharejn u huma konnessi kemm fix-xorta taghha kif ukoll fil-kuntest li sehhew, cioe` fl-isfond tad-dizgwid bejn il-partijiet in segwitu ghat-terminazzjoni tar-relazzjoni. Hija ghalhekk gustifikata l-konkluzjoni li dan kien agir abitwali u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa lil Rebecca Louise Park u li z-zewg incidenti flimkien jammontaw ghal *a course of conduct* mahsuba fl-Artikolu 251A tal-Kap. 9 kif ukoll ghal imgieba li taghti u effettivament tat, fastidju**.

Ghaldaqstant, billi gew ippruvati l-elementi kollha tar-reat ta' fastidju u l-imputat f'kull kaz messu kien jaf li l-kondotta tieghu fiz-zewg okkazjonijiet fuq imsemmija ikkagunat dwejjaq lil omm uliedu, l-imputat ghandu jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni, bl-aggravju prospettat taht l-Artikolu 251H(a) u 251HA li taghmel referenza ghall-Artikolu 202(h)(iv).

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-agir tal-imputat fiz-zewg okkazzjonijiet li jirrizultaw mill-provi u li jinsabu indikati fic-Citazzjoni, jammonta ghal *a course of conduct*, dan ifisser li huwa ppruvat ukoll wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat that l-Artikolu 251B tal-Kap. 9. Dak li trid tistharreg il-Qorti huwa jekk l-imgieba tal-imputat fuq iz-zewg okkazzjonijiet li xehdet dwarhom Rebecca Louise Park, ikkagunax fiha biza' li ser

tintuza vjolenza fil-konfront taghha jew tal-proprjeta` taghha jew tal-persuni ohrajn imsemmija fl-Artikolu tal-ligi fuq imsemmi.

Il-Qorti minnufih tqis illi l-komportament aggressiv tal-imputat kif deskritt minn Rebecca Louise Park u dan fiz-zewg okkazzjonijiet indikati fic-Citazzjoni, huma bizzejjed biex jinstawraw element oggettiv ta' biza' ta' vjolenza. L-imputat, evidentement, huwa midhla fl-uzu tal-forza tant illi fiz-zewg okkazjonijiet huwa dehrlu li jista' jibqa' diehel fir-residenza ta' omm uliedu billi jkisser il-bieb minflok ihabbat preventivament u jidhol bl-uzu ta' kortesija normali, kif ukoll dehrlu li jista' jikseb access ghal uliedu bil-forza jew bl-uzu ta' mezzi ta' komunikazzjoni ordinarji jew bl-intervent ta' medjatur f'kaz li d-dizgwid bejn il-partijiet kien qed jipprekludi l-komunikazzjoni edukata bejniethom. Dan it-tkissir wahdu huwa bizzejjed biex jikkonvinci lil-Qorti li l-agir tieghu, maghdud mieghu l-ghajjat, dagha u storbju li deskriviet l-imsemmija xhud fiz-zewg okkazjonijiet, mhux biss ma kienx wiehed ragjonevoli izda kien kapaci jekk mhux ukoll mahsub specifikatament, li jnissel fiha l-biza' u dwejjaq ravvizati mill-Artikolu 251B u l-Artikolu 251C.

Ghaldaqastant, l-imputat ghandu jinstab hati wkoll tat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta mill-atti u mil-provi, senjatament ix-xhieda ta' Rebecca Louise Park u r-ritratti u filmati esebiti fuq CD Dok. EH1, illi l-imputat ikkaguna hsara fil-bieb tal-appartament taghha meta dahal bil-forza u sgassa l-bieb. Dan l-imputat ammettih ukoll fl-istqarrija tieghu meta qal illi fit-2 ta' Jannar 2021, huwa mar fir-residenza ta' omm uliedu u wara li ta tliet daqqiet bil-ponn fuq il-bieb, dan infetah. Ghalhekk ghandha tinstab ukoll htija fl-imputat ghar-reat taht l-Artikolou 325 tal-Kap. 9. Jirrizulta wkoll izda, li l-imputat hallas ghall-ispejjez kollha biex dan il-bieb jissewwa u semghet lil Rebecca Louise Park tixhed li ma ghandha l-ebda pretensjoni ohra fil-konfront tieghu fir-rigward il-hsarat ikkagunati fil-bieb.

Ikkunsidrat;

L-imputat gie mixli fir-raba' akkuza bir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, cioe` li kiser il-bon ordni jew il-kwiet. Ghalkemm mhux imsemmi specifikatament fl-imputazzjoni kif imfassla fic-Citazzjoni, dan ir-reat jipprospetta l-ksur tal-bon ordni u l-kwiet **tal-pubbliku**[13].

In tema tal-kontravvenzjoni prospettata mill-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza minnha moghtija fil-5 ta' Mejju 2005[14] fejn trattat b'mod ezawrjenti l-elementi li jehtiegu li jigu ppruvati sabiex tista' tinstab htija ghal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm **ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil**.*

…

*U dik il-Qorti ziedet tghid li:- "Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):- "Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general*

[13] Emfasi tal-Qorti.
[14] **Il-Pulizija v. Noel Tanti.**

*application." (p.985, para. 41-01). U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid:- "...although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04)* [emfasi tal-Qorti]

Imbaghad, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deciza fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:-

"*Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: 'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. ... The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell .... Watkins L.J. said: '.... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).*"

Il-Qorti sejra tapplika dan l-insenjatament ghall-fattispecje tal-kaz biex tistharreg jekk l-imputat jinstab hati ghal dan ir-reat kontravvenzjonali. Mix-xhieda jirrizulta illi fl-episodju li sehh fit-2 ta' Jannar 2021, meta l-imputat sgassa l-bieb tar-residenza ta' omm uliedu, u dahal fl-appartament taghha, kien hemm prezenti mhux biss Rebecca Louise Park izda wkoll uliedha u s-sieheb taghha. Rebecca Louise Park xehdet li l-imputat beda jghajjat u joffendiha hafna u pprova jaqbadha imma dak il-hin rnexxilu jidhol il-partner taghha bejniethom u beda jzommu lura biex ma jkomplix jersaq lejha: ftit sek-ondi minn dan l-episodju jidher fil-filmat tat-2 ta' Jannar 2021, esebit fl-atti. Il-Qorti tosserva wkoll, u b'mod partikolari, il-fatt illi Rebecca Louise Park evidentement hasset

il-htiega li ccempel ghall-assistenza tal-Pulizija **fil-waqt** li l-imputat kien qed ghadu fir-residenza taghha wara li kien sgassa l-bieb biex jidhol gewwa[15]. Dan il-fatt wahdu huwa bizzejjed, fil-fehma tal-Qorti, sabiex jipprova li hija talanqas bezghet ghall-inkolumita' taghha waqt l-incident.

F'kull kaz, kif rajna mill-gurisprudenza fuq citata, m'huwiex rikjest sabiex tigi rav-vizata htija ghar-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, illi tingieb prova illi l-agir tal-imputat ikun **attwalment** nissel l-allarm f'persuna ohra dwar l-inkolumita` fizika taghha jew inkolumita` tal-proprjeta` taghha: il-fatt illi dak l-agir huwa fih innifsu ka-paci inissel dan it-thassib, jew x'aktarx li jnissel dak it-thassib, huwa sufficjenti sabiex tigi stabbilita reita`.

Ghaldaqstant, mizmum ferm dak kollu fuq premess, il-Qorti tqis illi r-reat addebitat lill-imputat fir-raba' imputazzjoni gie ppruvat sodisfacjentement u illi konsegwentement, l-imputat ghandu jinsab hati tar-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Izda kwantu ghar-reati addebitati lill-imputat fil-hames u s-sitt imputazzjonijiet, cioe` l-kontravvenzjonijiet prospettati fl-Artikolu 338(e) u l-Artikolu 338(f), rispettivament, tal-Kap. 9, il-Qorti ma tqisx li dawn gew ippruvati sodisfacjentement biex tinstab htija fl-imputat. Tosserva illi fix-xhieda taghha, Rebecca Park imkien ma qalet li l-imputat heddidha jew li ingurjaha jew insulentaha bi kliem partikolari li uza fil-konfront taghha. Hi xehdet biss b'mod generali li l-imputat kien qed jghajjat, jidghi u joffendiha, izda dan wahdu m'huwiex bizzejjed biex jintlahaq il-grad tal-prova li huwa rikjest ghas-sejbien ta' htija kriminali ghal din il-kontravvenzjoni fin-nuqqas ta' prova speficika dwar f'hiex jikkonsisti l-ingurja. Ghalkemm hu minnu li mix-xhieda jirrizulta li huwa hebb ghal Rebecca Louise Park fl-incident irrapportat fit-2 ta' Jannar 2021, l-imputat

[15] Hi xedhet : *« Sadanittant jiena kont ilhaqt cempilt lill-Pulizija…"* – fol. 44.

mhux mixli bir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 339(d) tal-Kap. 9. Ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat mill-hames u sitt akkuzi.

Ikkunsidrat;

Ghall-fini tal-piena l-Qorti sejra taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet. Mill-gabra tal-provi fl-atti, il-Qorti fehmet – anke ghaliex dan hu affermat minn Rebecca Louise Park fix-xhieda taghha - illi l-imputat agixxa b'dan il-mod ghaliex huwa ma kienx qed jara lil uliedu ghaliex hi ma hallitux jaghmel dan, wara li rat li kienet qieghed jonqos milli jmantnihom u jaghti kashom. Fi kliem l-imputat innifsu, b'referenza ghall-incident li sehh fit-2 ta' Jannar 2021, « *kull ma nrid nghannaqhomu nghidilhom li xtrajtilhom rigal ... kull ma ghamilt ipprovajt nersaq lejn it-tfal minghajr ma missejt lil hadd biex nghidilhom 'inhobbhom' u dak li ghamilt 'ghamiltu ghalihom'*". Effettivament, l-imputat ammetta minnufih fl-istqarrija tieghu illi dan l-incident sehh u fisser pass pass x'wasslu biex jagixxi aggressivament fit-2 ta' Jannar 2021.

Naturalment il-Qorti m'hijiex qieghda tissanzjona dan l-agir tal-imputat. Ghall-kuntrarju, taghmilha car bl-iktar mod vociferu li l-perpetrazzjoni ta' vjolenza ta' kull xorta u ghal kwalsiasi raguni, inkluz dik li tigi xprunata mit-terminazzjoni ta' relazzjoni u diffikolatjiet fl-access u kuntatt mal-ulied, hija kundannabbli ikunu xi jkunu c-cirkostanzi, *multo magis* vjolenza perpetrata fi hdan ambjent domestiku u fil-presenza tat-tfal. Madanakollu, hija fehmet illi l-imputat kien motivat ukoll fl-imgieba tieghu, sa certu grad, mix-xewqa tieghu li jara lil uliedu. Kif inghad, dan ma jiggustifikax eghmilu, izda hu wkoll minnu li huwa ddispjacih tal-azzjonijiet tieghu tant illi Rebecca Louise Park xehdet illi in segwitu ghal dan l-episodju, rat **kambajment ghall-ahjar fl-imgieba tal-imputat, li hallas l-ispejjez kollha biex jissewwa l-bieb kif ukoll irregolarizza il-hlas tal-manteniment ghal uliedu**. Mix-xhieda, il-Qorti fehmet ukoll illi wara li l-imputat beda wkoll jinghata access regolari ghal uliedu bl-intervent tal-avukati rispettivi tal-partijiet, **ma baqghux jinqalghu incidenti bejn il-partijiet u ma ghadx hemm dizgwid bejniethom fil-kwistjonijiet koncernanti uliedhom**. In kontro-ezami, Rebecca Louise Park ammettiet ukoll li **hija ma ghandhiex ghalfejn ma**

**tahrifx lill-imputat ghal dak li ghamel u ma ghandha xejn kontrih diment li jibqa' miexi sew ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' uliedu**.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-fedina penali tal-imputat, ghalkemm m'hijiex netta ghaliex diga` gie kkundannat ghal sentenza ta' prigunerija sospiza ghal sentejn, fost zewg kundanni ohra fejn giet inflitta piena pekunjarja, m'hijiex wahda refrattarja.

Fil-qies ta' dan kollu l-Qorti hi tal-fehma illi l-imputat, li jidher li diga` gharaf il-htiega li jirriforma ruhu, jehtieg ghajnuna biex jibqa' fit-triq it-tajba anke billi jaghraf jamministra b'mod iktar efficjenti l-emozzjonijiet tieghu naxxenti mid-diffikoltajiet li jista' jirriskontra fir-relazzjoni tieghu ma' omm uliedu. Temmen illi fic-cirkostanzi l-imputat huwa kandidat idoneu ghal sanzjoni fil-komunita` u jista' jislet beneficcju sostanzjali minn gwida strutturata biex jindirizza l-problema evidenti ta' nuqqas ta' kontroll fuq l-emozzjonijiet tieghu u kif ukoll sabiex, tenut in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu, jaghraf li jzomm 'il boghod minn kondotta negattiva u kriminuza li tista' twassal ghall-ghemil ta' reati ohra.

Ghaldaqstant, fil-qies ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn uffiċjal tal-probation tkun mixtieqa fl-interess li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra u l-iktar sanzjoni xierqa li tista' tigi imposta fic-cirkostanzi tal-kaz inkluz il-karattru tal-imputat, m'hijiex piena karcerarja, izda hija l-hrug ta' Ordni ta' Probation fil-konfront tal-imputat.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li ma ssibx lil BRIAN DIMECH hati tal-hames u s-sitt imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 202(h)(iv), 251A, 251B, 251C, 251H, 251HA, 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssibu hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn.**

**Ghall-fini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446, il-Qorti fissret lill-hati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-ordni, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, jista' jingħata sentenza ghar-reat originali, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Rebecca Louise Udell Park, il-Qorti qieghda torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elf Euro (€1,000), ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**